SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 09/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 24/03/15** **50**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 24/03/15** **60**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Sindku Is-Sur Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: (1) Il-Membru Richard Scicluna

1.05 Assenti: (1) Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-18 ta' Marzu 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
6. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 08/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

**Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.**

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P68 | Email mingħand is-Supretendent Raymond D'Anastas dwar l-iskips f'Paceville. |
| P95, P104 & KA 31 | Talba mingħand Micheal Borg Olivier sabiex jarma *Crepe Cart* fi Ġnien Spinola. |
| P125 | Talba mingħand Dolce Sicilia Ltd għal estensjoni tal-bankina fi Triq Dragunara. |
| P900 | Notifika mingħand il-Membru Richard Scicluna dwar nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Marzu 2015. |
| 1178 | Korrispondenza b' konnessjoni ma' Twaqqif ta' Posta jew Kiosk. |
| P171 | Email mingħand San Giuliano Catering Ltd dwar ix-xogħolijiet fit-taraġ ta' Triq San Ġorġ. |
| P127 | Talba għall-advertising barriers mingħand Sean Fitz. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P68**

2.02 Inġibed għall-attenzjoni tal-Kumitat il-korrispondenza mingħand is-Supretendent Raymond D'Anastas b'konnessjoni ma' l-iskips f'Paceville. Il-Kumitat ġibed l-attenzjoni li l-iskips għadhom hemm u mhux kif hemm fil-komunikat tas-Supretendent. Għalhekk ġie deċiż unanimament li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ipprovdu r-ritratti lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jintbagħtu lis-Supretendent Raymond D'Anastas biex tittieħed l-azzjoni.

**Rif. Nru. P125**

2.03 Saret riferenza għat-talba mingħand Dolce Sicilia Ltd għal estensjoni tal-bankina fi Triq Dragunara. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat joġġezzjona għat-talba li saret.

**Rif. Nru. 1178**

2.04 Inġibed għall-attenzjoni tal-Kumitat il-korrispondenza mingħand is-Sur Brian Montebello b'konnesjoni ma' Twaqqif ta' Posta jew Kiosk. Ġie deċiż unanimament li din il-materja terġa' tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

**Rif. Nru. P171**

2.05 B'riferenza għal e-mail mingħand San Giuliano Catering Ltd dwar ix-xogħolijiet fi taraġ ta' Triq San Ġorġ. Il-Kumitat ma sabx oġġezzjoni għalhekk din it-talba għandha tintbagħat lit-Transport Malta.

2.06 Is-Sindku s-Sur Peter Bonello wasal fis-2.30p.m.

**Rif. Nru. P127**

2.07 Saret riferenza għat-talba tas-Sur Sean Fitz biex jitqgħedu total ta' ħamsa u għoxrin advertising barriers. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi meħtieġa u li jżomm id-dritt li jkun jista jirtira l-applikazzjoni.

**3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

**4 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Ħadd mill-Membri preżenti ma ssekonda din il-mozzjoni.

4.04 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li f'dawn l-istadju l-pagamenti ser jgħaddu għand il-Kunsill għall-approvazzjoni.

4.05 Il-Kumitat ma oġġezzjonax.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet nru. 325 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħha (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Aġġornament tal-laqgħa**

6.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar Tlieta 28 ta' April 2015 fis-2.00 p.m.

6.02 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00pm.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**